MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 712/2013

**Mullen Anita**

**vs**

**Fenech Daniel**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ tmin mija, tnax-il ewro, hamsa u erbghin centezmu (€812.45c) ammont dovut ghal rifuzjoni ta’ hlas ta’ xoghol ta’ stampar difettuz u hlas ta’ danni ghal proprjeta’ (konsistenti f’ T-shirts) rovinata minhabba negligenza u traskuragni tal-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjent ma kkawza ebda danni lill-attrici, u dan kif ser jkun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Semgha x-xhieda tal-partijiet u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-attrici ddikjarat illi f'Gunju, 2012 hi avvicinat lill-konvenut sabiex titolbu jaghmel xoghol ta' *printing* fuq oggetti ta' l-ilbies, aktar specifikament fuq xi *t-shirts*, *tops* u basktijiet. Illi l-istess attrici ddikjarat illi qabel din l-okkazjoni kienet 'gia kkomissjonat lil terzi sabiex jaghmlu xoghol ta' stampar fuq oggetti ohra ta' abbigliament li kienet fornithom bihom, izda kien hemm xi problemi in rigward tal-kwalita' tal-istampar, u ghalhekk talbet lill-konvenut jaccertaha illi x-xoghol kien ser isir sewwa, u peress li accertaha dwar dan, l-attrici u s-socju taghha ikkommissjonaw lill-istess konvenut sabiex iwettaq din il-bicca xoghol; fil-fatt l-attrici tatu sitta u hamsin-(56) oggett li fuqu kellu jigi stampat *logo* li pprovdiet l-istess attrici. Illi ghalkemm l-attrici gharfet lill-konvenut li kienet tehtieg l-oggetti sa data partikolari, dan naqas milli jikkonsenja l-prodotti lura fi zmien miftiehem, u dan minkejja l-assigurazzjonijiet li taha. Illi meta l-attrici rceviet il-konsenja tal-oggetti, deher illi kollox kien f'postu, u hi accettat dawn l-oggetti.  Illi ftit tal-gimghat wara, madwar tliet-(3) gimghat wara, l-attrici staqsiet lill-persuni lil minn kienet ikkonsenjat uhud minn dawn l-oggetti jekk huma kienux kuntenti bil-prodott, u giet informata minn dawn il-kollegi tax-xoghol taghha illi dawn il-*logos* li kienu gew stampati kienu bdew jitqaxxru. Illi hi vverifikat anke dik il-merkanzija li kienet baqghet fil-pussess taghha, u sabet li anke dawn il-*logos* kienu bdew jitqaxxru.  Ghalhekk l-attrici avvicinat lill-konvenut, u vverifikat mieghu jekk kienx il-kaz li dawn il-*logos* jergghu jigu "*re-sealed*" billi terga' tigi applikata s-shana fuqhom mill-istampatur, u eventwalment, diversi xhur wara, l-istess konvenut gabar xi kampjuni minghand l-attrici u hadhom ghand l-istampatur sabiex jerga' jigi mwettaq dan il-process. Illi dan kien f'Dicembru, 2012.

Illi minkejja diversi tentattivi li ghamlet l-attrici sabiex tikkommunika mal-konvenut wara din id-data, hi baqghet ma nghatat ebda informazzjoni minghandu, u kien biss fis-26 ta' Frar illi l-konvenut taha risposta, u qalilha li n-nuqqasijiet fl-oggetti ma kienx attribwibbli ghax-xoghol ta' stampar, izda minhabba li l-oggetti in kwistjoni ma nhaslux u ma gewx ikkurati skondt l-istruzzjonijiet li rceviet l-attrici. Illi l-attrici tiddikjara li l-konvenut issugerixxa illi x-

xoghol ta' stampar fuq dawn l-oggetti jerga' jisir mill-gdid, izda l-attrici ma accettatx din il-proposta, u filwaqt illi talbet lill-konvenut sabiex irodd lura l-oggetti li kienu fil-pussess tieghu, talbet ukoll li tinghata refuzjoni tal-prezz tal-merkanzija kif ukoll tal-ispiza tal-istampar. Illi minkejja li l-attrici bghatet bosta e-mails lill-konvenut in rigward din il-kwistjoni, ma rceviet ebda risposta, salv ghal e-mail li allegatament kienet qed tintbaghat minn missier il-konvenut, u eventwalment irceviet ukoll e-mail li permezz taghha l-konvenut gharrafha li l-problema kienet irrizultat f'dawn l-oggetti konsegwenza ta' oggetti problematici, in kwantu l-materjal taghhom ma kienx ta' kwalita' tajba. Illi minhabba li ma setghetx tasal fi ftehim mal-konvenut, l-attrici giet kostretta li tipprocedi b'din l-istanza.

Illi zewg kollegi tal-attrici li nghataw dawn l-oggetti sabiex juzawhom, ukoll ikkonfermaw illi minkejja li pprestaw attenzjoni lejn il-mod kif haslu l-oggetti wara li uzawhom, madanakollu, il-logo li gie stampat fuq it-*t shirts*, xorta beda jinqala' u ghalhekk irritornaw lura dawn l-oggetti lill-attrici.

Illi l-konvenut iddikjara illi kienet l-attrici li avvicinatu sabiex jipprovdi s-servizz ta' stampar, u fil-fatt ipprovdietu kemm bit-*t shirts* u l-oggetti li fuqhom kellu jigi stampat il-*logo* in kwistjoni, oltre li pprovdiet ukoll l-istess *logo*. Illi x-xoghol ta' stampar kellu jigi mwettaq mid-ditta Perfect Screen Printers, u fil-fatt meta gie mwettaq l-istampar, dawn l-oggetti gew ikkonsenjati lura lill-attrici. Illi xi ftit taz-zmien wara kienet ikkommunikat mieghu l-attrici, li 'nformatu li kien hemm difett f'dawn it-*t shirts* u l-konvenut avvicina lill-istampatur, sabiex jivverifika mieghu dwar x'seta' gara. Illi l-istampatur gharfu illi dawn l-oggetti setghu garbu hsara jekk gew esposti ghal elementi shan hafna, bhal m'huma mishun, xemx diretta jew hadida tal-moghodija. Illi l-konvenut iddikjara li hu kien avza lill-attrici sabiex tevita l-uzu ta' shana qawwija fuq dawn l-oggetti. Illi l-istampatur issuggerixxa illi l-*logo* jerga' jigi stampat mill-gdid, u fil-fatt l-attrici kkonsenjat lill-konvenut uhud mill-oggetti in kwistjoni, u l-process ta' stampar sar mill-gdid. Illi l-konvenut issugerixxa lill-attrici illi dan il-process isir mill-gdid fuq l-oggetti kollha, izda hi ma accettatx, u riedet il-flus lura. Illi l-konvenut ha dawk it-*t shirts* li kienu jinsabu fil-pussess tieghu fil-laboratorju tal-Standards Authority, u dan bl-iskop li jigi verifikat il-kwalita' ta' *printing*, u cioe' jekk dan kienx difettuz, kif kien qed jigi allegat mill-attrici. Illi parti mill-process li wettqu kien illi dawn l-oggetti gew mahsula b'ilma kiesah diversi drabi, izda l-*print* ma tqaxxarx. Illi ghalhekk il-konvenut isostni illi l-hsara li rrizultat fil-*print* fuq uhud minn dawn l-oggetti kien konsegwenza tal-fatt

illi dawn l-istess oggetti gew esposti ghal xi sors qawwi ta' shana, u ghaliex ma gewx osservati mill-attrici l-istruzzjonijiet ta' kura partikolarment fil-hasil taghhom.

Illi l-istampatur, Francis Xuereb, ikkonferma illi s-Socjeta' kummercjali rapprezentata minnu giet inkarigata mill-konvenut sabiex twettaq xoghol ta' stampar fuq oggetti ta' hwejjeg u oggetti ohra. Illi kkonferma wkoll illi dawn l-oggetti gew ikkonsenjati lilu mill-konvenut, li kkonsenjalu wkoll il-*logo* li kien jehtieg li tigi stampata. Illi x-xoghol ta' stampar kien jikkonsisti li jigi applikat *plastic* fuq l-oggetti u *garments* in kwistjoni. Illi hu ddikjara illi t-tip ta' plastic li ntuza kien addattat ghal-*logo* u oggetti li nghataw lilu, u s-Socjeta' rapprezentata minnu kienet ilha tghamel dan it-tip ta' xoghol ghal dawn l-ahhar tmien-(8) snin. Illi meta avvicinah il-konvenut bl-ilmenti li kellha l-attrici dawn kienu fis-sens illi, (i) illi l-*print* kien inqala' minn mal-*garment*, u (ii) li kien hemm *print* illi kien bidel il-kulur u skura. Dan ix-xhud iddikjara illi ghalkemm kien wettaq xoghol simili ghal dan precedentement, madanakollu, qatt ma kellhom ilmenti simili anke meta sar stampar fuq oggetti li jintuzaw ghall-isport. Illi mitlub sabiex jiddentifika x'seta' kkawza din il-problema, l-istampatur iddikjara illi l-probabilita' hija li l-oggetti nhaslu f'temperaturi oghla minn dawk rakkomandati minnhom, illi dawn l-oggetti setghu tpoggew f' *tumble drier*, jew li jkun hemm element fil-*washing powders* bhal ma huwa l-bleach, li seta' kkawza din il-problema. Illi l-istampatur kien issugerixxa lill-konvenut illi dan il-process ta' applikazzjoni tal-*logo* fuq l-oggetti jsir mill-gdid, u ghalkemm jiftakar illi sar fuq xi oggett wiehed, ma sarx fuq l-oggetti kollha, u rega' tenna illi kien ghadu dispost illi jwettaq dan il-process mill-gdid fuq l-oggetti kollha. Illi dwar id-*discolouration* tal-*logo*, ddikjara illi huwa probabbli illi dan gara minhabba shana eccessiva jew xi bleach fil-prodott tal-hasil. Illi l-istampatur isostni illi kemm-il darba tigi evitata shana li teccedi t-tletin-(30) grad centigradi, u ma jintuzawx prodotti kontenti l-bleach, allura ma kellhiex tirrizulta l-hsara lmentata.

Illi d-Direttur fi hdan l-iStandards Authority ikkonferma illi l-konvenut ha xi oggetti fil-laboratorju taghhom, u aktar specifikament *t-shirts* li fuqhom kien gie stampat *logo,* u talab illi jsiru verifiki dwar jekk dawn jinqalghux kemm-il darba l-oggetti jinhaslu f'temperaturi ta' inqas minn tletin-(30) grad. Illi fil-fatt sar dan il-process, u l-oggetti nhaslu ghal tliet darbiet u thallew jinxfu b'mod naturali. Illi wara li sar dan il-process, il-*logos* kienu ghadhom intatti. Illi dan il-process sar b'magni tal-hasil regolari, kif ukoll bi prodotti tal-hasil li wiehed isib fi kwalunkwe hanut. Illi tali process, u l-konkluzjonijiet jirrizultaw minn certifikat rilaxxjat mill-istess Awtorita' datat 16 ta' Lulju, 2013 (a fol. 49 tal-atti).

Ikkunsidra,

Illi in forza ta' din l-azzjoni l-attrici qed titlob refuzjoni minghand il-konvenut tas-somma ta' tmin mija, tnax-il ewro, hamsa u erbghin centezmu (€812.45c), liema ammont jirapprezenta l-prezz li hallset lill-konvenut sabiex jigi stampat *logo* fuq diversi oggetti ta' abbigliament, fosthom *t-shirts*, *tops* u basktijiet, kif ukoll il-prezz tal-istess oggetti. Illi l-attrici ssostni illi x-xoghol ta' stampar ma' giex imwettaq sew, bil-konsegwenza illi ma setghatx taghmel uzu mill-oggetti in kwistjoni. Illi l-ilmenti tal-attrici in rigward l-istampar kien fis-sens illi l-*logo* beda jinqala' u jitqaxxar ftit tal-gimghat biss wara li l-oggetti gew ikkonsenjati, u anke kien hemm tibdil fil-kulur (*discolouration*) tal-*print*.

Illi l-konvenut jikkontendi illi tali difetti fl-istampar irrizultaw unikament bhala konsegwenza tal-fatt illi l-oggetti ma gewx ikkurati kif mehtieg, u cioe' li l-attrici ma segwitx l-istruzzjonijiet mghotija dwar il-hasil ta' dawn l-oggetti; illi sabiex jissostanzja tali allegazzjoni ressaq bhala xhud tieghu lill-istampatur, li spjega l-process ta' stampar u li ddikjara x'seta' kienet il-kawza tad-difetti li rrizultaw fix-xoghol ta' stampar. Illi hu wkoll attribwixxa tali nuqqasijiet mhux ghax-xoghol imwettaq minnu, izda ghal mod kif gew trattati dawn l-oggetti waqt li kienu fil-pussess tal-attrici. Illi minkejja f'dan, id-direttur tas-Socjeta' kummercjali li wettqet ix-xoghol ta' stampar offra li jirrimedja ghal din is-sitwazzjoni, billi jerga' jghaddi x-xoghol stampat mill-gdid mill-process ta' applikazzjoni ta' shana fuq il-plastic sabiex jehel aktar u ahjar.

Ikkunsidra,

Illi l-attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq "negligenza u traskuragni" kommessi mill-konvenut, u dan fit-twettiq tax-xoghol ta' stampar. Illi bhala stat ta' fatt irrizulta illi x-xoghol ta' stampar sar mis-Socjeta' Perfect Screen Printers Limited, li gew inkarigati mill-konvenut sabiex jaghmlu dan ix-xoghol. Illi minkejja f'dan, ebda wiehed mill-partijiet ma' talab illi din is-Socjeta' tigi kjamata in kawza. Illi ghalkemm permezz tar-risposta tieghu l-konvenut qed jikkontendi li ma kkawza ebda danni, madanakollu, meta l-attrici lmentat mieghu dwar xi difetti li rrizultaw fix-xoghol ta' stampar, hu ghamel stharrig dwar dawn in-nuqqasijiet, u anke ghamel tentattivi sabiex jirrimedja ghalihom.

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta illi wara li l-attrici lmentat mal-konvenut illi x-xoghol ta’ stampar kien qed jinqala’ u jitqaxxar, hu avvicina lill-istampatur, li ghalkemm kien sorpriz dwar din il-problema, offra illi x-xoghol ta’ stampar jigi replikat, sabiex il-plastic li jkun gie applikat jinhall aktar u jidhol aktar fil-fond tal-materjal fejn gie applikat. Illi l-istess Direttur tas-Socjeta’ Perfect Screen Printers Limited iddikjara illi hu rega’ wettaq dan il-process fuq is-*samples* li hadlu lura l-konvenut. Illi jidher illi kienu dawn l-istess kampjuni li eventwalment ittiehdu fil-laboratorju tal-iStandards Authority; illi jsegwi ghalhekk illi dawn il-kampjuni kienu gew mghoddija darbtejn mill-process ta’ stampar, u huwa possibbli illi huwa konsegwenza ta’ dan il-fatt li dawn il-kampjuni ma garrbu ebda hsara meta nhaslu u tnixxfu ghal tliet-(3) darbiet, kif gie spjegat mid-Direttur fi hdan din l-Awtorita’.

Illi l-konvenut, u b’mod partikolari d-direttur tas-Socjeta’ li wettqet ix-xoghol ta’ stampar, iddikjaraw illi d-difett fl-istampar seta’ rrizulta konsegwenza ta’ nuqqas ta’ attenzjoni meta nhaslu l-oggetti; madanakollu, l-attrici tikkontendi illi anke dawk l-oggetti li kienu ghadhom ma ntuzawx, immanifestaw l-istess problema, in kwantu l-*print* beda jitqaxxar ukoll.

Illi ghalkemm l-istampatur offra li jwettaq il-processar ta’ stampar mill-gdid aktar bhala sinjal ta’ rieda tajba milli minhabba xi ammissjoni ta’ responsabilita’ li x-xoghol imwettaq minnu ma sarx sew, madanakollu, it-Tribunal ma jistax jiskarta u ma jikkunsidrax il-possibilita’ illi tali difetti fl-istampar setghu rrizultaw ghaliex il-process inizzjali ma sarx sew jew ma kienx adegwat; ghaliex altrimenti, anke billi dan il-process isir mill-gdid, il-problema ma kienitx ser tigi rimedjata **salv** jekk il-process inizzjali ma sarx korrettement. Madanakollu, l-istampatur kien u baqa’ tal-fehma illi jekk il-process ta’ stampar jigi ripetut, allura hemm possibilita’ tajba illi l-plastic jinhall aktar u jidhol aktar fil-*garment*. Illi tali proposta rimedjali tindika illi dawn in-nuqqasijiet fil-kwalita’ tal-istampar setghu gew evitati kemm-il darba dan il-process sar aktar akkuratament. Illi dan oltre il-fatt illi tali difett fl-istampar irrizulta zmien qasir wara li sar il-*printing*, u cioe’ madwar xahar wara l-konsenja tal-oggetti (vide skambju ta’ korrispondenza bejn il-partijiet a fol.17 *et seq.* tal-atti). Illi ghalhekk, fuq bazi ta’ probabilita’, jidher illi x-xoghol ta’ stampar ma giex imwettaq skont ma tirrikjedi s-sengha u l-arti, ghaliex mhux komprensibbli u accettabbli illi f’temp daqstant qasir tali *printing* jibda jinqala’, jitqaxxar jew jibdel il-kulur.

Illi l-attrici spjegat illi l-ammont li tieghu qed titlob il-hlas jirraprezenta in kwantu ghal tlett mija, seba’ u disghin ewro u ghoxrin centezmu (€397.20c) il-prezz tal-oggetti li fuqhom sar

ix-xoghol ta’ stampar, filwaqt illi d-differenza tirraprezenta l-prezz ghall- istampar. L-attrici qed titlob refuzjoni tal-prezz kollu, ghaliex issostni illi l-oggetti kif inhuma ma jistghux jintuzaw. Illi mill-provi mressqa mill-attrici ma rrizultax daqstant car x’uzu kienet ser taghmel minn dawn l-oggetti, salv illi ddikjarat illi tat uhud minn dawn l-oggetti lil *instructors* kollegi taghha sabiex juzawhom, u li dawn eventwalment irritornawhom ghaliex irrizulta l-imsemmi difett. Illi salv ghal xi kampjuni li nghataw lill-konvenut sabiex ikun jista’ jurihom lill-istampatur – liema kampjuni l-konvenut baqa’ ma rritornahomx lill-attrici – l-kumplament tal-oggetti jidher li ghadhom fil-pussess tal-attrici. Illi tenut kont tal-fatt illi dawn l-oggetti ghadhom fil-pussess tal-attrici, u tenut kont ta’ dak li rrizulta mill-provi mressqa mill-partijiet – u cioe’ illi n-nuqqasijiet fl-istampar jistghu jigu rimedjati jekk jerga’ jigi applikat mill-gdid il-process ta’ stampar – it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenut ghandu jigi ordnat li jrodd lura l-prezz tal-istampar, u cioe’ l-prezz imhallas lilu. Illi mid-deposizzjoni tal-attrici jirrizulta illi l-prezz imhallas lill-konvenut ghax-xoghol ta’ stampar kien jammonta ghal erba’ mija, hmistax-il ewro u hmistax-il centezmu (€415.15c); illi dan ma giex ikkontestat mill-konvenut. Illi fic-cirkostanzi, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenut ghandu jrodd lura dan l-ammont, li madanakollu qed jigi mizjud ghall-ammont ta’ erba’ mija u erbghin ewro (€440.00) sabiex jikkomprendi kwalunkwe oggett li gie kkonsenjat lill-konvenut bhala kampjun u baqa’ fil-pussess tieghu.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa’ *in parte* t-talba tal-attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ erba’ mija u erbghin ewro (€440.00).

L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------